



# Aħbar Tajba

Ġen 18, 1-10a
Salm 14 (15), 2-3ab. 3ċd-4ab. 5
Kol 1, 24-28
Lq 10, 38-42

"Marta, Marta! Inti taħseb wisq u tinkwieta fuq ħafna ħwejjeġ;
**imma waħda hi meħtieġa. U Marija għażlet l-aħjar sehem, li ma jitteħdilhiex."**

Il-familja Attard kellha tradizzjoni ħelwa ħafna. In-nanniet kellhom razzett ftit kbir u fix-xhur ta' Ġunju u Lulju, il-Ħdud kienu jiltaqgħu hemm bir-razza u r-radika biex jistrieħu ftit mill-ġenn tal-ġimgħa. It-tfal kienu joqogħdu jilagħbu fil-ġonna li kien hemm madwar ir-razzett filwaqt li l-kbar kienu jintefgħu taħt it-tinda tal-injam li kien hemm fil-bitħa interna. F'nofsinhar kienu jieklu flimkien u t-tisjir kien dejjem jieħu ħsiebu xi ħadd differenti.

Din id-darba kien imiss lil Luke li jipprepara l-ikel. Kienu ilhom jgħidu li jixtiequ jagħmlu ikla fniek u għalhekk Luke qatagħha li jagħmel ikla Maltija, bil-bigilla, ftit ħobż biż-żejt u ġbejniet friski fil-bidu, fniek bħala l-platt prinċipali u fl-aħħar deżerta tajba. Mar fl-ikbar *supermarket* li kien jaf u qatta' nofstanhar idur u jixtri affarijiet differenti. Mid-dipartiment tal-ħaxix ġab l-isbaħ patata, tadam u basal li kien hemm. Imbagħad kompla jdur, dipartiment wara l-ieħor jixtri ġobon, ħelu, karawett u l-ġid kollu li seta' jsib. Il-kont ġie ġmielu imma Luke ma tantx ikkonfonda, l-aqwa li joħroġ ta' nies mal-familjari. Imma hekk kif wasal id-dar u beda jiftaħ il-basktijiet induna li kien ħalla xi ħaġa importanti barra. Tant kien mitluf fl-abbundanza ta' affarijiet li kellu l-ħanut li nesa jixtri l-fniek li kellhom ikunu l-platt prinċipali!

Ġieli ġralkom bħal Luke? Jekk Iva mhux waħedkom tafux! Kultant faċli għalina li nintilfu wara dettalji żgħar u ninsew l-affarijiet l-aktar importanti. Hekk ġralha Marta fis-silta mill-Evanġelju. Ġesù kien ħabib kbir tagħhom u mar iżurhom. Imma waqt li Marija qagħdet tisimgħu Marta kienet mitlufa ssajjar u tipprepara għax kellhom il-mistednin. Imma nsiet l-aktar ħaġa importanti, tkun mal-mistieden. Aktar u aktar meta l-mistieden kien Ġesù! Għalhekk meta Marta marret fuqu biex jgħid lil Marija tagħtiha daqqa t'id, Ġesù, bi ħlewwa kbira wrieha li hemm affarijiet ferm aktar importanti fil-ħajja.

Imma dan l-istess kliem Ġesù qed jgħidu lilna, li fil-ġurnata tagħna nlaħħqu ma' kollox, minn skola sa logħob, imma mbagħad ma nsibux ħin għal Alla. Ejjew ma ninsewx l-aktar affarijiet importanti! Bħalma l-istudju u l-attività fiżika jħallu ġid kbir fina biex nikbru tajjeb hekk ukoll it-talb u l-laqgħat fi gruppi bħall-Museum jgħinuna nikbru f'persuni mill-aħjar.

## Sib il-Kelma

Fost l-ittri t'hawn taħt għandek issib dawn il-kelmiet moħbija marbuta mas-silta li għadna kif qrajna. Aqbad lapes u dur dawn l-ittri biex issib il-kliem mistur.

**MARTA, MARIJA, BILQIEGĦDA, RIĠLEJN, ĠESÙ, TISIMGĦU, XOGĦOL, DAR, GĦAŻLET, SEHEM.**



| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| H | Ċ | I | K | N | T | IE | O | M | U |
| Ġ | B | Ħ | M | A | R | I | J | A | L |
| GĦ | I | F | A | X | J | Ġ | E | S | Ù |
| M | L | E | R | O | S | H | P | A | T |
| D | Q | B | T | GĦ | E | J | S | M | L |
| R | IE | D | A | O | H | I | U | Ċ | R |
| S | GĦ | A | Ż | L | E | T | T | Q | Ħ |
| X | D | R | P | A | M | Q | IE | K | S |
| W | A | O | T | I | S | I | M | GĦ | U |
| L | N | V | R | I | Ġ | L | E | J | N |



## Talba għall-Protezzjoni

Il-Knisja Kattolika għandha teżori kbar. Mhux qed nirreferi għall-arti mill-isbaħ u ħwejjeġ oħra prezzjużi li għandna fil-knejjes tagħna imma qed nirreferi għal teżor ferm akbar. L-akbar teżor hu t-tagħlim li taħdem biex twasslilna, is-sagramenti tagħha, il-ħajjiet tal-qaddisin u n-numru kbir ta' talb li għen eluf kbar ta' nsara jsiru qaddisin. Din t'hawn taħt hija waħda mill-ħafna talbiet sbieħ li l-Knisja tgħallem.

Mulej Ġesù, agħmel li d-demm prezzjuż tiegħek ikun sinjal ta' tama għalija, għall-familja tiegħi u għall-għeżież ulied tiegħek kollha. Żommna 'l bogħod minn kull forza tal-ħażen, inċidenti, traġedji, mard u kull xorta ta' weġgħat oħra biex inkunu nistgħu naħdmu għall-glorja tiegħek u għall-ġid ta' kull min hu fil-bżonn. Nirringrazzjawk u nfaħħruk Mulej għax qatt ma tieqaf tħobbna, tieħu ħsiebna u tbegħedna minn kull deni.







Promozzjoni

**Issa tista' tirreklama fuq dan il-fuljett**

Dan il-fuljett joħroġ kull ġimgħa u jitqassam fil-parroċċi kollha ta' Malta u Għawdex.

Ċemplilna fuq 2569 9100

**AGĦŻEL PRODOTTI LI JIBDLU ĦAJJET IN-NIES GĦALL-AĦJAR!**

**AGĦŻEL IL-KUMMERĊ ĠUST**



**SAY IT!**
**ĦANUT TAL-KUMMERĊ ĠUST**
www.sayitmalta.com - info@sayitmalta.com
32 Tarxien Road Paola

mediacentre

design • video production • animation • publishing • web


Aħbar **Tajba** hija inizjattiva tal-Media Centre flimkien mal-Fondazzjoni YOUTHEME u tiddependi mill-ħidma ta' diversi voluntiera u benefatturi. Għandna bżonn ukoll ta' ħafna talb biex din il-ħidma tħalli l-frott mixtieq. Min jixtieq jgħin, finanzjarjament, bit-talb jew b'xi ħidma oħra jista' jibagħtilna fuq

**info@sayitmalta.com**




AĦBAR **TAJBA** hija pubblikazzjoni tal-Media Centre flimkien ma' SayIt Publications u YouTheme Foundation. Min jixtieq jagħti kontribuzzjoni finanzjarja jew jordna aktar kopji ta' dan il-fuljett jista' jibagħtilna *email* fuq *info@sayitmalta.com* jew iċempel fuq 2569 9100. Għal aktar informazzjoni żur **www.mediacentre.com.mt**

mediacentre · YOUTHEME FOUNDATION